## QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 613/2017GG**

**Helen Purvis nee Ritchie (Passaport Malti numru 792634) u kif ukoll bil-passaport Kanadiz GG960877[1]**

**vs**

**Henry sive Harry Ritchie (ID205436M) u b'digriet tat-22 ta' Awissu, 2017, Alexandra sive Sandra Ritchie kienet mahtura kuratrici *ad litem* ta' Henry sive Harry Ritchie, u b'digriet tal-10 ta' Lulju 2018 il-Qorti ordnat l-estromissjoni mill-kawza ta' Alexandra sive Sandra Ritchie u bl-istess digriet tal-10 ta' Lulju 2018 Alexandra, Aldo u Christopher, ahwa Ritchie, assumew l-atti tal-kawza bhala kuraturi ta' Henry sive Harry Ritchie u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2019 l-atti tal-kawza kienu trasfuzi f'isem Jospehine Ritchie minflok Henry sive Harry Ritchie li miet fil-mori tal-kawza.**

Illum 27 ta' Frar 2025.

**Il-Qorti,**

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10/10/2017

Rat ir-Rikors Guramentat[2] tal-attrici Helen Purvis nee Ritchie,ipprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-5 ta' Lulju 2017, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi jiena ta' nisel Malti u twelidt f'Malta pero' ghamilt snin twal nghix barra minn Malta u llum ghadni nirrisjedi fil-Kanada, u bhalissa ninsab ghall-btala f'Malta;

2. Illi peress li jiena ma kontx inkun hawn Malta kont tajt prokura generali lil hija Henry Ritchie u dan fil-15 ta' Lulju 1992 kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u immarkat 'HP1';

3. Illi din il-prokura kont tajthielu wara li mietet ommi Rosina Ritchie, li mietet fid-9 ta' Lulju 1992, u bhali ghamlu huti l-ohra li kienu jghixu barra minn Malta, jigifieri huti Carmel, Vincent u Alfred, kif jirrizulta mill-istess Dokument 'HP1';

4. Illi pero' qabel kont ukoll tajt prokura ohra lill-istess Henry Ritchie fl-4 ta' Marzu 1974 kif jirrizulta mill-anness Dokument 'HP2';

5. Illi ommi kellha diversi propjetajiet li wara mewtha ghaddew b'wirt f'idejn il-hames uliedha fi kwoti indaqs bejniethom skond it-testment hawn anness bhala Dokument 'HP3';

6. Illi jiena qatt ma gejt ikkuntattjata minn hija Henry dwar xi negozjati biex jinbieghu propjetajiet li kienu jappartjenu lil ommi jew dettalji dwar xi trasferimenti.

7. Illi minn ricerka li ghamilt fir-registru pubbliku (ara Dokument 'HP4' hawn anness) irrizultali li hija Henry Ritchie, l-intimat, deher fuq diversi atti pubblici fejn biegh sehmi minn propjeta' li kienet tal-wirt ta' ommna;

[2] Fol. 1 sa 5

8. Illi rrizultali li b'kuntratt tas-6 ta' Mejju 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' (ara Dokument 'HP5' hawn anness) giet trasferita l-propjeta' bl-isem 'Delaware' u bin-numru 86 fi Triq Stuart, il-Gzira, kif ahjar deskritta fl-istess kuntratt, ghall-prezz ta' Lm6,800 illum ekwivalenti ghal €15,840, fuq liema kuntratt Henry Ritchie deher ghan-nom tar-rikorrenti u ttrasferixxa s-sehem tar-rikorrenti ta' kwint (1/5) indiviz a favur ta' Giorgia armla ta' Giuseppi Montebello;

9. Illi rrizultali wkoll illi b'kuntratt iehor tat-18 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (ara Dokument 'HP6' hawn anness) giet trasferita propjeta' ohra tal-wirt ta' ommi u cioe' l-fond bl-isem 'Melita' (qabel jismu 'Tony') fi Triq Misrah il-Barrieri, Msida, kif ahjar deskritt fl-istess kuntratt, ghall-prezz ta' Lm31,000 ekwivalenti ghal €72,211, fuq liema kuntratt Henry Ritchie deher ghan-nom tar-rikorrenti u ttrasferixxa s-sehem tar-rikorrenti ta' kwint (1/5) indiviz minn dan il-fond a favur ta' John u Margaret konjugi Vella;

10. Illi jiena qatt ma gejt mghoddija ebda kopja minghand Henry Ritchie tal-kuntratti tas-6 ta' Mejju 1993 u lanqas b'dak tat-18 ta' Marzu 2004, u la kont gejt ikkonsultata dwar kemm kellu jkun il-prezz tal-bejgh u lanqas qatt ma rcevejt ir-rikavat ta' dan il-bejgh minghand hija Henry;

11. Illi inoltre fil-wirt ta' ommi kien hemm propjeta' li kienet mikrija lil terzi, liema propjeta' tinkludi l-fond illum jismu 'Carjo' fi Triq tal-Qroqq l-Imsida, u hija Henry suppost kien jiehu hsieb jigbor il-kera taghhom;

12. Illi hija Henry qatt ma tani rendikont tal-kirjiet li kienu dahlu u ghadu jrid jghaddili flus ta' sehmi minn dawn il-kirjiet;

13. Illi meta ppruvajt inkellem lil hija Henry dwar il-kera baqa' ma tani ebda spjegazzjoni;

14. Illi rrid nghid ukoll li fil-pussess tieghu huwa ghandu xi deheb ta' ommi (li allura llum jappartjeni lill-werrieta ta' ommi, inkluza jien) u jekk dan gie mibjugh jiena rrid nircievi sehmi mir-rikavat tal-bejgh;

15. Illi jiena soffrejt u ghadni nsofri wkoll danni minhabba n-nuqqas tal-intimat li jaghtini rendikont tad-dhul li huwa rcieva ghan-nom tieghi u li jghaddili dawk il-flejjes li jispettaw lili, inkluz billi tlift l-imghax fuq dawk is-somom;

16. Illi fit-28 ta' Ottubru 2016 jiena intavolajt l-ittra ufficjali numru 3518/16 hawn annessa bhala Dokument 'HP7' fejn interpellajt lil hija sabiex jaghti rendikont shih ta' kull attivita' li huwa ghamel matul is-snin ghan-nom tieghi u jroddli lura kwalsijasi flejjes li rcieva ghan-nom tieghi matul is-snin (kemm dawk li jirrizultaw mill-kuntratti precitati kif ukoll flejjes ohrajn li huwa seta' rcieva, u kif ukoll sehemi minn flus ta' kera li huwa rcieva ghan-nom tieghi fir-rigward ta' propjeta' f'Malta li jien ghandha sehem fiha) u dan flimkien mal-imghaxijiet bl-oghla rata li tippermetti l-ligi mid-data li huwa ilu jzomm dawn il-flus sad-data tal-pagament effettiv, u irtirajt kwalsijasi prokura li tajtu, filwaqt li ddikjarajt li qed inzommu responsabbli ghad-danni kollha sofferti minni jew li ghad nista' nsofri minhabba uzu hazin li huwa ghamel mill-mandat/i moghtija lilu minni jew minhabba atti maghmula minnu ghan-nom tieghi minghajr l-awtorizzazzjoni tieghi;

17. Illi billi l-intimat baqa' inadempjenti, kelli naghmel din il-kawza; Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-

Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna,

1. Tiddikjara illi l-intimat naqas li jaghti rendikont lir-rikorrenti tal-esekuzzjoni tal-mandat tieghu kif naxxenti mill-prokuri hawn annessi bhala Dokument 'HP1' u 'HP2', u naqas li jghaddi lir-rikorrenti flejjes li huwa rcieva ghan-nom taghha bis-sahha tal-istess mandat u/jew ghamel uzu minn flejjes li kienu fil-pussess tieghu bhala mandatarju tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara lill-intimat responsabbli versu r-rikorrenti ghall-hlas tal-istess flejjes;

3. Tillikwida l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti konsistenti fi flejjes li l-intimat ircieva f'isem ir-rikorrenti bhala mandatarju taghha u/jew flejjes li kienu fil-pussess tieghu bhala mandatarju tar-rikorrenti u li ghamel uzu minnhom;

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

5. Tiddikjara li minhabba dan l-agir l-intimat huwa responsabbli ghad-danni versu r-rikorrenti, inkluz it-telf ta' imghax fuq is-somma hekk likwidata;

6. Tillikwida l-istess danni;

7. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali hawn annessa bhala Dokument 'HP7', u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent in konnessjoni mal-mandat in kwistjoni, u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni li r-rikorrenti jista' jkollha ghat-thassir jew rexxissjoni ta' atti pubblici ezegwiti mill-intimat ghan-nom taghha; u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[3].

Rat ir-Risposta Guramentata[4] mressqa minn Alexandra sive Sandra Ritchie bhala kuratrici *ad litem*[5] tal-konvenut Henry sive Harry Ritchie fit-12 ta' Awissu 2017, li permezz taghha eccepiet li:

1) Illi preliminarjament jigi eccepit l-illegittimita` tal-konvenut biex joqghod fil-kawza odjerna. Il-konvenut, li llum ghandu wiehed u tmenin (81) sena, ibati mid-dimentia kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Din il-kundizzjoni mentali trendih inkapaci sabiex joqghod f'kawza bhala konvenut u dan ai termini tal-Artikolu 781 paragrafu (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Illi wkoll *in linea* preliminari jigi eccepit in-nullita` tal-kawza odjerna u dan ai termini tal-Artikolu 787 paragrafu (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li kull att gudizzjarju li jsir kontra persuna inkapaci li toqghod f'kawza huwa null.

3) Illi wkoll *in linea* preliminari u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 paragrafu (f) u/jew l-Artikolu 2157 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti ghadha mhijiex edotta mill-fatti u ghalhekk dwar il-mertu qeghda tirriserva li tipprezenta eccezzjonijiet

[3] Fol. 6 sa 37
[4] Fol. 49 sa 50
[5] Ara digriet tat-22 ta' Awissu 2017, fol. 43 (*tergo*)

ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxielha tikseb l-informazzjoni necessarja.

5) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti ezibiti mill-partijiet u mix-xhieda mressqa minnhom.

Semghet lix-xhieda mressqa quddiemha mill-partijiet, u rat it-traskrizzjoni tax-xiehda li lahqet instemghet quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri taghhom;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

**Dahla:**

1. Din hija kawza dwar allegat ksur tal-obbligi ta' mandatarju fil-konfront tal-mandant tieghu, senjatament li jaghti rendikont tal-amministrazzjoni, u li jeffettwa favur il-mandant il-hlasijiet migbura minnu f'isem u fl-interess tal-istess mandant. L-attrici qed titlob ukoll dikjarazzjoni ta' responsabbilta' civili ghad-danni, u l-likwidazzjoni tal-istess, b'rizultat ta' dak il-ksur ta' kuntratt.

2. Fil-qosor, jirrizulta li l-attrici u l-konvenut Henry Ritchie huma ahwa. L-attrici kienet residenti barra minn Malta, u kienet inkarigat lill-konvenut Henry Ritchie bhala mandatarju taghha sa mill-4 ta' Marzu 1974, u mbaghad aktar ricenti dwar l-amministrazzjoni tal-gid provenjenti lilha mill-wirt ta' ommhom Rosina Ritchie, li sfat nieqsa fil-15 ta' Lulju 1992. L-attrici tghid li, saret taf minn ricerki, li l-konvenut, bhala mandatarju taghha, biegh

sehemha minn proprjetajiet komuni minghajr ma gharrafha b'dan, u minghajr ma ghaddielha l-prezz ta' sehemha, u wkoll li naqas li jghaddilha l-hlas tal-kera percepita, ghar-rigward ta' sehemha minn proprjetajiet komuni bejn l-ahwa, u li jaghtiha rendikont tal-istess. Skond l-attrici, dan in-nuqqas wassal ukoll biex tilfet il-frottijiet tal-flejjes, konsistenti fl-imghax;

3. Il-konvenut Henry Ritchie miet fis-16 ta' Novembru 2018, cioe' fi stadju bikri ta' din il-kawza.

4. Bint il-konvenut, kuratrici *ad litem* tieghu sakemm miet, ikkontestat fil-mertu dawn l-allegazzjonijiet, u fis-sottomissjonijiet finali[6] fissret ir-ragunijiet fattwali u legali ghalxhiex it-talbiet attrici ma jistghux jkunu milqugha, oltre li dawn jinsabu preskritti bit-trapass ta' aktar minn hames snin.

**Provi**

5. L-attrici ressqet affidavit taghha u tas-sieheb taghha David Purvis.

6. **David Purvis**[7] iddikjara li kien ilu jghix mal-attrici mis-sena 1972, u li ghandu taghrif dwar il-korrispondenza kollha li tircievi, u gieli jwiegeb ghaliha hu fuq struzzjoni tal-attrici[8]. Huwa qal li, f'April 2014, l-attrici nnotat li kienet misterjozament ingibdet is-somma ta' €1500 mill-kont tal-bank taghha, u kiteb fuq struzzjoni taghha *email* lil Pauline Borg ghal Bank of Valletta plc biex ifittex spjegazzjoni ghal dan. Meta l-attrici zaret lil huha f'Mejju 2014 huwa akkumpanjaha, u f'dik l-okkazjoni huha kien hejjielha s-somma ta' €1470 biex hi tigborha minghandu. F'dik l-okkazjoni, Henry Ritchie kien irrabjat u ma riedx iwiegeb il-mistoqsijiet tal-attrici. Dakinhar, ix-xhud ma rahx dizorjentat jew mentalment mhux f'postu. F'Marzu 2016, imbaghad, fuq l-istess indirizz elettroniku tieghu, ix-xhud ircieva korrispondenza indirizzata lill-attrici minghand Aldo Ritchie, li huwa iben il-konvenut.

---

[6] Il-Qorti nnotat li dawn gew prezentati minn Alexandra Ritchie fit-22 ta' Novembru 2023, meta l-atti ta' din il-kawza kienu legittimati f'isem ommha Josephine Ritchie wara l-mewt ta' Henry Ritchie. Fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2023, id-difensur tal-konvenuta ddikjara li din in-nota tiswa b'sottomissjonijiet ghall-konvenuti kollha

[7] Fol. 56

[8] Fol. 57 sa 62

7. Fl-affidavit[9] taghha, **l-attrici** spjegat li twieldet Malta u emigrat f'Ottubru 1963. Kellha erba' hutha subien, u l-ewwel prokura li kienet tat kienet lil huha Henry, ossia l-konvenut, u kienet datata 4 ta' Marzu 1974. Din il-prokura intuzat l-ghada biex akkwistat proprjeta' immobbli minghand ommha[10]. L-istess ommha mietet fid-9 ta' Lulju 1992, u l-hamest ulied wirtu sehem ugwali mill-eredita' taghha. Dan is-sehem spettanti lill-attrici wkoll kellu jkun amministrat ghaliha minn huha Henry Ritchie bis-sahha tal-prokura generali li kienet tatu.

8. L-inkwiet jidher li beda f'April 2014, meta l-attrici tghid li ndunat li fid-9 ta' Jannar 2014 kienet ingibdet is-somma ta' €1500 mill-kont tal-bank taghha mal-Bank of Valletta plc[11]. Meta talbet taghrif lill-bank, hija kienet infurmata li din is-somma ngibdet mill-konvenut bis-sahha tal-prokura moghtija minnha.[12] Il-konvenut qatt ma spjegalha ghalxhiex gibidhom – hi ma kienet tatu ebda struzzjoni f'dan is-sens; u meta zaritu d-dar, sabet jistennewha flus kontanti fis-somma ta' €1470. Minn dawn, iddepozitat is-somma ta' €1200[13] fl-istess kont bankarju, u mbaghad fl-20 ta' Mejju 2014 gharrfet lill-bank li kienet qed thassar il-prokura moghtija minnha lil huha.[14] Minn hemm 'il quddiem, huha ma riedx ikellimha aktar, u qalilha biex tikkomunika mieghu bl-avukati.

9. L-attrici tghid li, wara din il-grajja, dahlulha suspetti fuq l-amministrazzjoni ta' sehemha mill-wirt ta' ommha. Qalet li huha kellu jigbor il-kera tal-fond "Carjo", Triq tal-Qroqq, Msida, li kien jappartjeni lil ommha, u li kien mikri lil terzi. Sehemha mill-kera kellu jiddepozitah fil-kont bankarju taghha. Gieli ghaddielha xi flejjes zghar, xi €40, pero' kien ilu ma jaghtiha flus ghal xi sitt snin qabel xehdet. Meta staqsietu dwar dan fl-2014, huwa qallha li din ma kinetx affariha. Eventwalment, kien ghadda karta b'figuri fuqha, li hija ma fehmitx, u halla wkoll €40 ghall-attrici.[15] Skond hi, dawn kienu dovuti qabel b'rimbors tas-somma li huha kien gibed mill-kont bankarju taghha minghajr awtorita', kwantu ghal €30, u ghalhekk ghaddielha biss €10 ghal sehemha mill-kera. Tghid ukoll li ma tafx ghal liema zmien jirreferi dan l-ammont.

---

[9] Fol. 63 sa 65
[10] Fol. 66 sa 71
[11] Fol. 7u2
[12] Fol. 73 sa 74
[13] Fol. 76
[14] Fol. 77
[15] Fol. 78

10. L-attrici kompliet tghid li, meta ghamlet ir-ricerki, sabet li huha kien biegh f'isimha l-kwinta parti taghha minn zewg proprjetajiet li kienu komprizi fil-wirt ta' ommha, senjatament 86, Stuart Street, Gzira u dar f'Misrah il-Barrieri, Msida. Skond hi, qatt ma avzaha li kien ser ibiegh sehemha, jew li effettivament bieghu, u lanqas ghaddielha sehemha mir-rikavat.

11. L-attrici ddikjarat ukoll li, fil-15 ta' Marzu 2016, in-neputi taghha Aldo Ritchie[16] – li huwa t-tifel tal-konvenut – kien ikkomunika maghha u staqsieha kemm kien fadallu jhallasha missieru. Meta ma waslitx, hija pprocediet b'din il-kawza; u mbaghad martu marret fl-ufficju tal-avukat taghha u hallietilha s-somma ta' €80.37[17] bhala sehemha mill-kera tal-fond f'Tal-Qroqq b'ricevuta li kienet diga' ffirmata minn tlieta minn hutha. Hija ghaddiet ukoll lill-avukat tal-attrici ricevuta li l-kera ta' dan il-fond kienet thallset ghas-sena 2017[18], u ftehim li l-attrici tghid li qatt ma kienet mgharrfa dwaru. L-attrici qalet ukoll li kien fadal il-gojjellerija ta' ommha x'tinqasam – dik rimanenti wara dak li kienu ga qasmu bejniethom bi hlas aktar kmieni[19]. Tghid li ma tafx x'gara minnhom, u taf biss li huha kien iddepozitalha s-somma ta' €270 fis-sena 2013, rapprezentanti – skond hu – sehemha mir-rikavat tal-bejgh ta' curkett bi djamant. Fit-28 ta' Ottubru 2016, l-attrici pprezentat ittra ufficjali li permezz taghha rrevokat kull mandat moghti minnha lil huha l-konvenut. Skond l-attrici, fis-sena 2014 meta kkomunikat ma' huha l-ahhar, dan deher mentalment kapaci.

12. Meta kompliet tixhed quddiem il-Qorti[20], l-attrici qalet li l-korrispondenza tal-konvenut kienet tintbaghat lil huha Vincent, li jghix l-Amerika, u mbaghad kellu jghaddihielha hu, u dan minkejja li l-konvenut kellu l-indirizz taghha. Skond hi, il-konvenut ma kienx jibghatilha ittri. Hi kellha relazzjoni ma' uliedu meta kienu zghar, imbaghad dik ir-relazzjoni spiccat. Qalet li hi ghandha reputazzjoni kummercjali tajba fil-Kanada, kif jixhdu l-fehmiet miktuba li pprezentat[21].

[16] Fol. 79 sa 83
[17] Fol. 8u4
[18] Fol. 85
[19] Fol. 90 sa 91
[20] Ara xiehda, 12.11.2018, fol. 308 sa 334
[21] Fol. 340 sa 348

13. In kontroezami, l-attrici ddikjarat li tahdem fil-qasam tal-finanzi u l-proprjeta' l-Kanada, pero' skond hi, in-negozju bankarju huwa differenti hemm minn kif isir f'Malta. Hija kkonfermat li s-sieheb taghha ghandu access bl-*internet* ghall-kontijiet bankarji taghha f'Malta. Hija kkonfermat li kienet iffirmat prokura favur huha biex jamministra l-kontijiet bankarji taghha. Iddikjarat li kienet vicina hafna ta' huha l-konvenut, u li kellhom rispett lejn xulxin sakemm skopriet li gibdilha l-flus mill-bank. Hija kkonfermat li ma kellhiex relazzjoni tajba ma' martu, tant li fl-ittri li kienet tikteb lin-neputijiet tghid li ommhom riedet tbieghedhom minnha[22]. Sakemm mietet ommha fl-1992, l-attrici tghid li kienet tigi Malta kull sena. Wara kienet tigi kull ftit snin. Kienet toqghod ghand il-konvenut, sakemm xi ghaxar snin qabel xehdet, ghalqilha l-ilma u ma qaghditx aktar ghandu u bdiet toqghod fil-lukandi. Kull btala taghha f'Malta kienet tkun twila madwar xahar. Baqghu jitkellmu, pero' kellha relazzjoni hazina kemm ma' martu kemm ma' mart huha iehor li rritorna f'Malta. Hija spjegat ukoll li l-ahhar darba li rat lill-konvenut kien fl-2014. Qabel giet Malta, kienet qabbdet lis-sieheb taghha jara x'bilanc kellha fil-kont bankarju taghha billi kienet qed tahseb li taghmel kawza l-Ewropa dwar il-kirja li ghalih kien soggett fond proprjeta' taghha f'Hal-Balzan. Din ma kinetx l-ewwel darba li s-sieheb taghha dahal fil-kontijiet taghha, billi kellu l-access. B'hekk saret taf li huha kien gibed is-somma ta' €1500.

14. Dwar il-proprjetajiet mibjugha, l-attrici qalet li billi kienet taf li l-proprjeta' f'Malta ma tantx kienet tiswa, qatt ma staqsiet wisq, pero' l-konvenut lanqas qallha x'kien qed jaghmel. Imbaghad, meta bdiet tistaqsi, skopriet li ghal dar li biegh huha kienu saru zewg offerti, wahda lilu u ohra ahjar lil huha Charles, pero' l-konvenut irrifjuta li jaccetta l-offerta l-ohra. Hija insistiet li, fiz-zmien, fdat lil huha u qatt ma staqsiet xejn. Imbaghad neputija ohra allegat li l-konvenut kien ghaddielha flus biex twassalhom lil huhom iehor li jghix vicin taghha, u hi naqset li taghmel dan.

15. L-attrici kkonfermat li, fl-ahhar diskursata li kellha mal-konvenut, huwa ggustifika t-tehid tas-somma ta' €1500 mill-kont taghha b'rimbors ta' hlas zejjed li kien ghamlilha. Hija kkontestat pero' li dan kien il-kaz, u ddikjarat li huha kien jaf li kienet taghtih il-flus jekk ikollu bzonn, billi hi kellha l-mezzi. Qalet ukoll li, fil-kontijiet f'Malta, kienet izzomm mal-€11,000, u li meta kienet tkun

[22] Fol. 335 sa 339

Malta, kienet tigbed mill-kontijiet billi tmur ghand il-*bank manager* li kienet tafha.

16. Fuq mistoqsijijet tal-Qorti, l-attrici ddikjarat li kienet familjari mas-suq tal-proprjeta' f'Malta, u taf li, dak iz-zmien, il-prezz tal-proprjeta' kien baxx, u ommha kienet tinnegozja fil-proprjeta'. Taf li kien isir tpartit anke bejn proprjeta' immobbli u karozzi. Hija kkonfermat li giet Malta bejn 1993 u 2014, pero' ma kinetx taf li l-fond komuni ta' Triq Stuart, Gzira, kien inbiegh. Saret taf wara l-1993 imma qabel l-2014, pero' ma staqsietx lill-konvenut fejn kien mar sehemha mir-rikavat ta' dak il-bejgh. Hija kkonfermat ukoll li taf li ffirmat quddiem in-Nutar Carbonaro prokura generali favur il-konvenut fl-1974, li intuzat biex xtrat id-dar ta' Hal-Balzan minghand ommha, u li kienet intiza wkoll biex huha jedhilha hsieb il-gid taghha f'Malta. Il-konvenut kien intghazel minn omm l-attrici, bhala mandatarju ghall-ahwa kollha, u l-ahwa kollha kienu ffirmaw l-istess prokura favur tieghu. Qalet ukoll li, liz-zewg hutha l-ohra, ma kellmithomx aktar wara s-sena 1992.

17. In ri-ezami, l-attrici tenniet li l-konvenut qatt ma qallha li biegh il-proprjeta' komuni, u qatt ma taha r-rikavat ta' sehemha minn dak il-bejgh. Ma sabitx depoziti qawwija fil-kont bankarju taghha. Qalet ukoll li qatt ma rceviet aktar flejjes minghand hutha tar-rikavati minn bejgh ta' proprjetajiet komuni. Qalet li ma ridetx li l-flejjes jintbaghtu l-Kanada billi riedet tuzahom Malta halli tirranga d-dar li kellha. Mistoqsija jekk binha Marco Renda kienx ta prokura huwa wkoll lill-konvenut, l-attrici qalet li dan ma kienx il-kaz. Ghad-domanda jekk kinetx tat lill-konvenut id-dettalji tal-kont bankarju taghha l-Kanada, man-National Trust, l-attrici qalet li ma tiftakarx. Id-dettalji relattivi murija lilha kienu debitament konfermati minnha.

18. Ukoll fil-kontroezami tal-attrici li ssokta fi stadju aktar inoltrat tal-kawza[23], hija kkonfermat li kienet tigi Malta darba jew darbtejn kull sena. Ikkonfermat li kellha relazzjoni tajba ma' huha Henry Ritchie, tant li mar ghandha darbtejn il-Kanada, u haditu btajjel minn hemm b'apprezzament. Dwar it-tehid tal-flus minn huha, ma ghamlet ebda rapport lill-pulizija; imma kienet f'komunikazzjoni elettronika mal-bank, u meta giet Malta, tat struzzjoni biex twaqqaf il-prokura bankarja li kienet tat lil huha. Hija cahdet li kienet tat struzzjoni lil huha biex jigbrilha l-kera, u jzommhielha biex jghaddihielha meta tigi Malta. L-attrici cahdet

[23] Ara xiehda, 6.4.2022, fol. 534 sa 561

ukoll li, fit-tieg tan-neputi Aldo Ritchie, li nzamm tlett xhur wara l-bejgh tad-dar tal-Gzira, huha taha sehemha mir-rikavat. Hija qalet li ma kinetx taf li nbieghet, u li huha ma kienx jaghtiha sodisfazzjon. Hija cahdet ukoll li sehemha mit-tieni bejgh ta' proprjeta' kien depozitat fil-kont bankarju ta' binha, fuq struzzjoni taghha. Skond hi, qatt ma kellha c-cavetta tas-*safety deposit box* ta' ommha, pero' tghid li sabitha hi.

19. Il-psikjatra **Dr. George Debono** xehed dwar il-kundizzjoni mentali tal-konvenut, fil-5 ta' Dicembru 2017[24]. Huwa ddikjara li kien mitlub jaghmel certifikazzjoni mentali dwar il-konvenut, u meta ttiehed ghandu fl-4 ta' Lulju 2017[25], il-konvenut kien konfuz u ghalhekk ma setax jezaminah. Ma kien f'qaghda jwiegeb xejn, u ghalhekk ikkonkluda li l-konvenut kellu *severe cognitive impairment*. Kien rega' rah xahar wara, u ppreskrivielu xi medicini, u mbaghad ma rahx aktar. Martu lmentat max-xhud li l-konvenut kien aggressiv maghha, u x-xhud innota li dan seta' kien dovut ghal li ma kinetx taf timxi mal-kundizzjoni tieghu. Il-kundizzjoni medika hija demenzja. Qal li l-progress taghha huwa li l-ewwel tintilef il-memorja ricenti, u mbaghad tintilef ukoll dik aktar antika, u l-konvenut kien diga' wasal f'din l-ahhar fazi meta ttiehed ghandu. Huwa rrapporta wkoll li, mill-fajl tal-isptar, seta' jara li sentejn qabel il-konvenut kien diga' konfuz, u ezaminat ghal din il-kundizzjoni, u filfatt l-ezamijiet kienu eskludew patologiji fizici. Ix-xhud iddikjara car li l-konvenut ma kienx aktar kapaci jwiegeb il-mistoqsijiet, b'anticipazzjoni cara li aktarx il-kundizzjoni tieghu ma titjiebx. Din ix-xiehda hija korroborata mill-opinjoni medika tal-psikjatra Dr. Beppe Micallef-Trigona.[26]

20. L-attrici ressqet ukoll lill-avukat Dr. Joseph Brincat, u lin-Nutar Dottor Francesca Micallef Sammut bhala xhieda taghha.

21. **L-Avukat Dr. Joseph Brincat**[27] qal li l-attrici kienet tigi spiss Malta, mas-sieheb taghha, u kellu relazzjoni kemmxejn difficli maghha. Il-konvenut mar ghandu u hadlu flus u karta, u hu ghaddiehom lill-attrici. Qal li l-kitba fuq il-karta ghamilha hu meta l-konvenut mar ghandu bil-flus li kien interpellah ihallas f'isem l-attrici. In kontroezami, huwa ccara li l-interpellanza kienet dwar

[24] Ara xiehda, 5.12.2017, 98 sa 102
[25] Fol. 94 sa 95
[26] Ara Relazzjoni datata 16 ta' Jannar 2018, fol. 140 sa 142
[27] Ara xiehda, 6.2.2018, fol. 105 sa 107

hlasijiet ta' kera spettanti lilha, li kien gabar u zamm il-konvenut.[28] Qal li l-attrici stenniet somma akbar milli kien hadlu l-konvenut, pero' hu ghaddielha kulma kien hallielu. Semma' wkoll li ha hsieb kwistjoni ohra tal-attrici, dwar proprjeta' f'Hal-Balzan, li pero' l-konvenut ma kienx involut fiha. Fix-xiehda tieghu[29], Dr. Brincat qal li sab biss l-ittra ezibita, u ma sabx l-interpellanza ghall-hlas li jiftakar li baghat lill-konvenut, ghan-nom tal-attrici. In kontroezami, huwa kkonferma li l-attrici kienet irrabjata ghal huha, ghax qalet li kien amministra hwejjigha b'mod hazin. Skond ix-xhud, l-attrici ghamlet zmien ma tatux l-indirizz ta' huha, u ghalhekk ma setax javzah qabel bit-terminazzjoni tal-mandat. Dejjem kienet tkellmu l-Qorti, u dejjem bir-rabja.

22. **In-Nutar Francesca Micallef Sammut**[30] qalet li kienet ippublikat att ta' bejgh li fuqu l-attrici kienet venditrici, u pprezentat kopja ta' inkartament dwar il-bdil ta' kunjomha minn Renda ghal Purvis li hemm anness ma' dan l-att[31]. Hija pprezentat ukoll ricerki li saru fir-Registru Pubbliku dwar l-attrici.[32]

23. L-attrici pprezentat ukoll ic-certifikat tal-mewt ta' ommha[33], l-ahhar testment ta' ommha[34], u kuntratt li kien sar bejn ommha u l-konvenut bhala mandatarju ghall-attrici fil-5 ta' Lulju 1974[35]; flimkien mar-ricerki pubblici dwar il-konvenut[36] u kopja ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' tas-16 ta' Mejju 1993[37].

24. L-attrici ressqet ukoll b'xiehda taghha lin-Nutar Dottor Patrick Critien, il-konjugi John Vella u Margaret Vella, lin-Nutar Dottor Marco Burlo' u lir-rapprezentanti tal-banek HSBC Bank (Malta) plc u Bank of Valletta plc.

25. **In-Nutar Patrick Critien**[38] ikkonferma li ppublika att ta' bejgh bejn l-ahwa Ritchie, li ghalihom deher bi prokura l-konvenut, u l-konjugi Vella, b'self mill-bank HSBC, fit-18 ta' Marzu 2004. Il-

---

[28] Ara kopja, fol. 146 (datata 20 ta' Gunju 2014) li tikkontjeni pero' avviz ta' tmiem ta' mandat, u mhux interpellanza ghal hlas
[29] Ara xiehda, 13.3.2018, fol. 147 sa 149
[30] Ara xiehda, 6.2.20185, fol. 108
[31] Fol. 109 sa 110
[32] Fol. 111 sa 138
[33] Fol. 163
[34] Fol. 164 sa 166
[35] Fol. 167 sa 170
[36] Fol. 151 sa 161
[37] Fol. 172 sa 180
[38] Ara xiehda, 24.4.2018, fol. 212 sa 213

prokura uzata kienet annessa ma' att tan-Nutar Marco Burlo' tas-6 ta' Mejju 1993. Il-prezz kien LM31,000, li minnhom LM15,000 thallsu direttament mill-Bank lill-vendituri fuq l-att, u l-bilanc hallsuh ix-xerrejja.

26. **Il-konjugi John**[39] **u Margaret Vella**[40] kkonfermaw li kienu akkwistaw il-fond fl-Imsida minghand Ritchie. Ma ftakrux kif hallsu l-parti tal-prezz li hargu huma[41]. John Vella ddikjara li l-bejgh ghaqqdu sensar, u li hu kien jaf biss lill-konvenut.

27. **Pauline Borg**[42], ufficjal tal-Bank of Valletta plc, ikkonfermat li fuq il-kontijiet bankarji tal-attrici kienet intuzat prokura li hija kienet tat lil huha l-konvenut. Sussegwentement, il-bank kien ircieva struzzjoni minghand l-attrici li permezz taghha hassret dik il-prokura. Dan gara fl-20 ta' Mejju 2014 mill-attrici meta kienet personalment f'Malta[43]. Il-prokura originali kienet inghatat fuq formola apposta prepara mill-bank.[44]

28. Dwar il-kuntratt pubblikat minnu fis-6 ta' Mejju 1993[45], **in-Nutar Marco Burlo'**[46] qal li l-partijiet kienu Georgia Montebello, u l-konvenut f'ismu u f'isem hutu. Il-konvenut kellu prokura minghand hutu kollha datata 15 ta' Lulju 1992, li bis-sahha taghha sar il-bejgh minnu f'isem hutu wkoll.

29. **Audrey Ghigo**[47], in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc, ikkonfermat li l-bank kien issomministra self lill-klijenti tieghu fis-somma ta' LM15,000, li thallsu direttament lill-vendituri fuq l-att tal-akkwist, pubblikat fis-sena 2004.

30. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, ipprezentat rendikonti ta' hames kontijiet bankarji li l-attrici kienet izzomm mal-istess bank. L-ewwel kont bankarju b'depozitu fiss kien infetah fl-1991 u nghalaq fl-2011; it-tieni, tal-istess tip, infetah fl-2004 u nghalaq fl-2013 meta l-bilanc li kien fih thallas lill-attrici permezz ta' *foreign draft* fil-munita tad-Dollaru Amerikan; it-tielet wiehed tal-

[39] Ara xiehda, 24.2.2018, fol. 214 sa 215
[40] Ara xiehda, 24.2.2018, fol. 216 sa 217
[41] Ara tieni xiehda, 10.7.2018, fol. 300
[42] Ara xiehda, 28.5.2018, fol. 233 sa 237
[43] Fol. 238
[44] Fol. 239
[45] Dok. MB1, fol. 242 sa 256
[46] Ara xiehda, 28.5.2018, fol. 240 sa 241
[47] Ara xiehda, 28.5.2018, fol. 257 sa 258

istess tip infetah fl-2004 u nghalaq fl-2007; ir-raba' tat-tip ta' tfaddil bin-numru 40019751559 infetah fi Frar 2011 u baqa' miftuh. Tlett depoziti li saru fl-2013 u fil-bidu tal-2014 saru mill-konvenut, u zewg zbanki u depozitu li saru f'Mejju 2014 wettqithom personalment l-attrici.[48] L-ahhar kont b'depozitu kurrenti nfetah ukoll fit-12 ta' Marzu 2011, u ghadu miftuh. Il-hlasijiet minnu saru b'cekkijiet, tlieta b'kollox, u kollha ffirmati mill-attrici, wiehed favur Sandra Ritchie, wiehed favour Direttur Joint Office u wiehed favur il-*Government Property Department*.[49] In kontroezami, ix-xhud ikkonfermat li fuq il-kont ta' tfaddil kien hemm *internet banking facility*, li solitament tohrog favur min ikollu l-kont bankarju.

31. L-attrici ressqet ukoll b'xhud taghha lil iben il-konvenut **Aldo Ritchie**[50]. Huwa kkonferma li kien baghat posta elettronika lill-attrici. Huwa spjega li kien kellmu zijuh Carmelo Ritchie u lmenta mieghu li missieru ma kienx ghadu jaghtihom flus. Hu kellem lil missieru u ra x'kien baqaghlu jaghti lit-tlett zijiet. Mat-tlieta l-ohra rranga wara li hallashom dak dovut. Ipprova jaghmel l-istess mal-attrici imma ma rnexxielux, u mbaghad waqaf jipprova. Il-hlas dovut kien jirrigwardja l-kera percepita mill-fond tal-Imsida. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq l-ittri antiki pprezentati mill-attrici ghalkemm ma ftakarx x'kien fihom. Huwa ftakar ukoll li l-attrici kienet tmur ghand missieru, u li missieru kien jaghtiha l-flus – meta ma kinetx tmur ghandu, missieru kien jehodhomlha l-lukanda fejn kienet tkun. Ma jafx ta' xhiex kienu dawk il-flejjes, jew kemm kienu. Dan kollu sehh meta huwa kien ghadu mhux mizzewweg, hamsa u ghoxrin sena qabel xehed.

32. L-attrici pprezentat ukoll kopja ta' ricevuti ta' hlas ta' kera dwar il-fond "Carjo", Triq tal-Qroqq, Msida[51], rilaxxjati minn Rosina Ritchie fit-30 ta' Lulju 1966, u wara minn H. Ritchie bejn 1 ta' Ottubru 1966 u t-30 ta' Dicembru 2015, u wara minn Sonia Ritchie sat-30 ta' Awissu 2018.

33. L-ahhar zewg xhieda mressqa mill-attrici kienu n-Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona[52], u Josephine Ritchie[53], il-mara tal-konvenut, u llum l-unika eredi tieghu.

[48] Fol. 289 sa 292
[49] Fol. 299
[50] Ara xiehda, 12.11.2018, fol. 349 sa 352
[51] Fol. 375 sa 444
[52] Ara xiehda, 27.1.2020, fol. 450 sa 452
[53] Ara ixheda, 27.1.2020, fol. 453 sa 459

34. **In-Nutar Alkex Sceberras Trigona** kkonferma li kien ghamel testment lil Henry Ritchie, u mill-esperjenza, ipotizza li deher quddiemu f'kundizzjoni tajba biex ghamillu t-testment.

35. **Josephine Ritchie**, issa konvenuta f'din il-kawza, ikkonfermat li kienet mizzewga lil Henry Ritchie. Qalet li zewgha beda jinsa mat-tlett xhur qabel miet. Skond hi, hu kien jimxi tajjeb mal-attrici ohtu, imma hi ma kinetx timxi bl-istess mod mieghu. Qalet li zewgha kien jircievi l-flus tal-postijiet, u jaghtihomlha. L-inkwilin tal-post taghha ta' Hal-Balzan kien jghaddi l-flus tal-kera lilu, ghax l-attrici kienet tmur ghandha toqghod tghidlu li trid lura d-dar vojta. Ikkonfermat li ommhom kienet ghamlitu prokuratur ta' hutha lil zewgha Henry Ritchie. Ikkonfermat ukoll li kienu jzommuha komda d-dar taghhom meta l-attrici tigi ghal btala. L-ahhar darba li zewgha ta l-flus lill-attrici kien fis-sena 2015, meta lletikaw ghax l-attrici stenniet aktar. Il-flus kien jaghtihomlha f'envelopp. Qalet ukoll li kienu kkustinjaw ghax l-attrici kienet tibghat terzi biex joqoghdu ghand huha Henry Ritchie, u dan kien izommhom b'xejn avolja ma jafhomx, u mbaghad avzaha biex ma tibghatlux aktar nies. Qalet ukoll li t-tilwima bejnha u l-attrici sehhet meta hija qabzet ghal zewgha u qaltilha li dejjem taha l-flus kollha li kellu jaghtiha, u biex thallih kwiet, u l-attrici marret taghmel idejha ma' wiccha. Skond il-konvenuta, l-attrici kienet tiggieled mal-inkwilini. Qalet ukoll li l-kaxxa tad-deheb jidhrilha li kienet il-bank. Il-konvenuta temmet tghid li hi m'ghandha xejn li jappartjeni lill-attrici.

36. **Il-konvenuta** ressqet ix-xiehda bl-affidavits ta' uliedha Alexandra[54] u Aldo[55], ahwa Ritchie, u ta' hu zewgha Carmelo Ritchie[56], u martu Sonia Ritchie[57].

37. **Alexandra Ritchie** kkonfermat l-istorja tal-familja Ritchie, u x'kien wassal biex missierha kien jamministra l-gid ta' hutu provenjenti mill-wirt ta' ommhom. Missierha kien jigbor il-kera, u jqassamha, sas-sena 2015, u mbaghad bdiet twettaq dan l-inkarigu mart huh Sonia Ritchie. Kollha kienu jafdawh lil missierha, u qatt ma kien hemm ebda lment ta' amministrazzjoni hazina, qabel saret din il-kawza.

[54] Ara affidavit, fol. 475 *et seq.*
[55] Fol. 505
[56] Fol. 504
[57] Fol. 502 sa 503

38. Skond Alexandra Ritchie, missierha ghadda l-flus li gabar mill-bejgh tal-fond komuni tal-Gzira lil hutu fit-tieg ta' ibnu Aldo Ritchie, li sehh f'Awissu 1993. L-ahwa kollha attendew kif jidher mir-ritratt ezibit, mehud f'dik l-okkazjoni[58]. Il-prezz kien ta' LM6800, u wara li thallset it-taxxa, kull wiehed mill-ahwa messitu s-somma ta' LM1264.80. Meta nbiegh il-post ta' Misrah il-Barrieri, fuq il-kuntratt kien deher ukoll huh, Carmelo Ritchie. Sehem l-attrici minn dan il-bejgh kien ta' M5890, li fuq struzzjoni taghha kien depozitat fil-kont bankarju ta' binha Marco Renda.[59] Bl-istess mod, u fl-istess zmien, Henry Ritchie kien iddepozita s-somma ta' LM5800 fil-kont bankarju ta' huh Alfred Ritchie.[60] Dwar il-kera tal-post tal-Imsida, ix-xhud tghid li din kienet tammonta ghal €420 fis-sena missierha kien izomm dik il-parti spettanti lill-attrici sabiex imbaghad jghaddihielha meta tkun Malta, ghaliex kienet tigi spiss minhabba f'kawza li kellha ma' inkwilina taghha. Kien anke jehodhielha fil-lukanda fejn kienet toqghod, u anke x-xhud marret taraha hemm. Ix-xhud prezentat ukoll kopja ta' *Telegraphic Transfer/Demand Draft Application Form* datata 11 ta' Lulju 2001 iffirmata minn missierha ghal hlas f'dollari Kanadizi favur l-attrici[61]. Dwar il-qsim tad-deheb ta' nannitha, ix-xhud qalet li dan kien sar bi ftehim miktub, datat 21 ta' Awissu 1993, li tghid li sar quddiem in-Nutar Dottor Alex Sceberras Trigona, u li jispjega kull wiehed mill-ahwa x'ha u x'hallas lill-bqija[62]. Missierha waqaf jamministra dan il-gid tal-ahwa fil-15 ta' Frar 2016[63]. Ix-xhud tghid ukoll li l-attrici qatt ma kellha grazzja ma' ommha – ossia l-mara ta' huha Henry Ritchie – imma kellha relazzjoni maghha, u meta kienet tiktbilha kienet sahansitra tavzaha biex ma turi xejn lil ommha.[64] Hija pprezentat ukoll kopja tal-prokuri li nghataw lil missierha minn hutu Alfred Ritchie[65] u Vincent Anthony Ritchie[66], u wkoll minn iben l-attrici Marco Renda[67].

39. In kontroezami[68], Alexandra Ritchie qalet li taf li missierha kien jamministra l-gid tal-wirt tan-nanna, u li mbaghad ghadda l-

[58] Fol. 479
[59] Fol. 482 *et seq.*
[60] Fol. 563 sa 564
[61] Fol. 492 sa 493
[62] Fol. 494 sa 495
[63] Fol. 496
[64] Fol. 498
[65] Fol. 499
[66] Fol. 500
[67] Fol. 501
[68] Ara xiehda, 2.11.2022, fol. 592 sa 619

amministrazzjoni lil Sonia Ritchie ghax semghet minghand ommha u huha b'dan. L-istess li missierha ghaddha l-flus f'kontanti lill-attrici ta' sehemha mill-bejgh tal-post tal-Gzira meta giet Malta ghat-tieg ta' huha Aldo Ritchie. Hija ddikjarat li missierha qatt ma talab li jiffirmawlu ricevuti, ghaliex dejjem zammhom ta' hutu. Dwar il-hlas ta' sehem l-attrici mit-tieni bejgh, ix-xhud qalet li tiftakar hi lil missierha jghid li l-attrici tatu struzzjoni biex sehemha jiddepozitah fil-kont bankarju ta' binha Marco Renda. Dwar li, xi zmien wara, dan l-ammont kien zbankat mill-kont bankarju ta' Marco Renda, ix-xhud qalet li taf li, f'dak iz-zmien, Marco Renda xtara proprjeta' l-Kanada. Tenniet li mal-attrici hadd ma kellu relazzjoni tajba mill-familja. Hija pero' cahdet li l-attrici ma kellhiex kuntatt ma' Henry Ritchie ghal diversi snin. Baqghet f'kuntatt mieghu sas-sena 2014.

40. **Aldo Ritchie** kkorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija minn ohtu.

41. In kontroezami[69], Aldo Ritchie qal li ntervjena meta zijuh Carmelo Ritchie cempillu u qallu li missieru naqas li jaghtih sehmu mill-flejjes migbura ghal perjodu partikolari. Ikkonferma li gieli ra lil missieru jaghti flus lill-attrici, pero' ma jafx ta' xhiex kienu. Jiftakarha wkoll toqghod maghhom id-dar meta tigi Malta. Missieru lilu kien qallu li lill-attrici hallasha kollox, u li ma kellu jaghtiha xejn aktar. Skond hu, l-ahwa kienu jhallu f'idejn missieru, u jmexxi missieru.

42. Fl-affidavit taghha[70], **Maria Sonia Ritchie** tghid li hija tigi l-mara ta' hu Henry Ritchie. Il-kunjata kienet fdatha biex tamministralha kaxxa tad-deheb li kellha fil-fergha tal-Bank of Valletta tal-Gzira. Hija rrakkuntat incident meta tghid li l-attrici ghamlet ta' bir-ruhha li kienet hi biex tiftah il-kaxxa tad-deheb ta' ommha. Ic-cavetta kienet f'idejha meta suppost kellha tkun fid-dar tal-omm. Hija ddikjarat car li d-deheb inqasam fil-presenza tal-ahwa kollha, u bi qbil bejniethom. Ix-xhud qalet li, wara dakinhar, lill-attrici ma kellmitha qatt aktar, u l-attrici ma kellmitx aktar lil huha Vincent Ritchie ghaliex iggieldet mieghu fuq arlogg tal-idejn. Skond hi, Henry Ritchie dejjem amministra sewwa l-gid tal-wirt, u dejjem qassam il-flus bl-ezatt. L-istess gara meta bieghu l-porprjetajiet. Qalet ukoll li Henry u l-attrici kkustinjaw ukoll fuq il-post tal-Imsida, li ghadu komuni ghaliex l-attrici qalet lill-inkwilina li kienu ser ibieghuh, meta dan ma kienx minnu, u riedet tghollilha l-kera meta

[69] Ara xiehda, 24.1.2023, fol. 621 sa 628
[70] Fol. 502 sa 503

Henry Ritchie ma riedx. Sonia Ritchie insistiet li Henry Ritchie dejjem qassam il-flejjes kontanti bejn l-ahwa. Zewgha, **Carmelo Ritchie**[71] kkorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija minn martu. It-tnejn qablu li l-post ta' Hal-Balzan li l-attrici xtrat minghand ommha kien offrut l-ewwel lil Henry Ritchie, li rrifjutah, u gawdiet l-attrici ghaliex bieghetu €360,000. Qal li lil huh kien jafdah b'ghajnejh maghluqin, u li meta bdiet tamministra martu, sehem l-attrici dejjem haditu lill-avukat taghha.

43. In kontroezami[72], Sonia Ritchie xehdet fid-dettall dwar x'gara meta riedu jifthu l-kaxxa tad-deheb tal-kunjata, u c-cavetta kienet ghand l-attrici. Irrepetiet ukoll dak li gara meta nqasam id-deheb bejn l-ahwa. Hija insistiet li Henry Ritchie dejjem taha sehemha, kemm mill-kera, kemm mill-flus tal-bank, u li l-attrici kienet tilqa' lil Henry ghandha l-Kanada. Anke flus bil-*bearer* qasam maghhom. Qalet ukoll li, meta bdiet tamministra hi, huha ghaddielha d-dettalji, u ma kellu jkollha xejn x'taqsam mal-attrici.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

44. Ghalkemm tressqu diversi provi dokumentarji, u nstemghu diversi xhieda mill-familja tal-kontendenti, il-mertu ta' din l-azzjoni huwa semplici. L-attrici hi tal-fehma li huha kiser l-obbligi tieghu bhala mandatarju taghha, naqas li jaghtiha r-rendikont tal-amministrazzjoni, u naqas li jghaddilha l-flejjes inkassati minnhom fl-interess taghha fil-kors ta' dik l-amministrazzjoni.

45. Qabelxejn, din il-Qorti ser tittratta l-eccezzjonijiet preliminari mressqa fl-interess tal-konvenut Henry Ritchie, senjatament in-nullita' tal-azzjoni minhabba fl-inkapacita' tieghu li joqghod f'kawza fil-mument li din l-azzjoni kienet intavolata, skond l-**art. 781(b)** tal-Kap. 12, u l-preskrizzjoni estintiva ta' hames snin fit-termini tal-**art. 2156(f)** u **2157** tal-Kodici Civili.

> **781**. M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:
> (a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur;

[71] Fol. 504
[72] Ara xiehda, 21.6.2022, fol. 566 sa 590

> (b) **il-persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew imġienen, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak li skont il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur ad litem**.[73]

46. Kif tghid tajjeb l-attrici fis-sottomissjonijeit taghha, ghalkemm huwa minnu li din il-kawza kienet intavolata kontra Henry Ritchie f'mument fejn jirrizulta li ma kellux uzu sufficjenti tar-raguni biex ikollu kapacita' legali joqghod fil-kawza, huwa wiegeb ghaliha bil-mezz tal-kuratrici *ad litem* tieghu, ossia bintu Alexandra Ritchie, li baqghet tippartecipa fid-difiza tal-azzjoni fl-interess tieghu, u eventwalment tas-successur tieghu, sal-ahhar. Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha li din l-eccezzjoni mhijiex fondata u ser tkun michuda.

47. Kwantu ghall-preskrizzjoni kwinkwennali tal-azzjoni skond l-**art. 2156(f)** u l-**art. 2157** tal-Kodici Civili, din il-Qorti ssib li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni prosegwita mill-attrici, bit-talbiet kif impustati minnha, hija dik ravvizata fl-**art. 2157** tal-Kodici Civili.

> **2157.** L-azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur ieħor, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispiċċa, jew bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur ieħor.

48. Il-ligi llum trid li oltre z-zmien, min jeccepixxi din il-preskrizzjoni jipprova wkoll li *"mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa"*[74]. *"Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata"*[75]. Din il-Qorti jidhrilha li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, u ladarba dan il-gurament qatt ma setgha jinghata validament mill-konvenut Henry Ritchie, kien jinkombi fuq l-eredi tieghu Giuseppa sive Josephine Ritchie li tiddikjara bil-gurament li ma tafx

[73] Enfasi ta' din il-Qorti
[74] **Art. 2160(1)**, Kod. Civ.
[75] **Art. 2160(2)**, Kod. Civ.

li l-haga ghandha tinghata. Ghalkemm Giuseppa Ritchie tressqet b'xhud mill-attrici, u tat il-verzjoni taghha ta' dak li ghadda bejn zewgha u l-attrci tul iz-zmien, hija naqset li taghmel din id-dikjarazzjoni cara f'dik l-istanza. Minhabba fl-inkapacita' mentali anke taghha fil-kors tal-kawza, ix-xiehda sussegwenti ta' Giuseppa Ritchie kienet sfilzata b'ordni ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju 2023[76] u ghalhekk dan ir-rekwizit baqa' mhux sodisfatt. Fin-nuqqas tieghu, din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi.

49. Michuda ghalhekk iz-zewg eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-konvenut, din il-Qorti ser tghaddi issa ghall-mertu tal-azzjoni. Mill-provi kollha li tressqu, u li jinsabu riassunti aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tinsab sodisfatta li:

(i) il-konvenut Henry Ritchie kien mandatarju tal-attrici ghal aktar minn erbghin sena, bir-rieda hielsa taghha;

(ii) ghalkemm l-attrici kienet tghix barra minn Malta, kienet tigi Malta ta' spiss;

(iii) tul is-snin, partikolarment wara l-mewt ta' ommha, ir-relazzjoni bejn l-attrici u hutha u l-familji taghhom, kemm f'Malta kemm f'barra, ma baqghux tajbin. Minkejja dan, hija zammet lil huha Henry Ritchie bhala l-mandatarju taghha, mhux biss dwar il-gid provenjenti lilha mill-wirt ta' ommha, imma wkoll dwar il-gid proprju taghha tant li kellu prokura generali f'idejh, filwaqt li, kuntrarjament ghal dak li xehdet l-attrici, Henry Ritchie kien ukoll il-prokuratur ta' binha Marco Renda;

(iv) l-attrici ghandha gharfien tajjeb tad-dinja tan-negozju u l-proprjeta', inkluz f'Malta, u wkoll tar-realta' bankarja, tant li kellha tul is-snin access bl-*internet* ghall-kontijiet bankarji taghha f'Malta, filwaqt li mis-sena 2004 kellha anke kawza dwar proprjeta' taghha quddiem dawn il-Qrati;

(v) din il-vertenza qamet wara li l-attrici, mill-verifiki bl-*internet* li kien jaghmel is-sieheb taghha fuq il-kontijiet bankarji taghha f'Malta, skopriet li Henry Ritchie kien zbanka s-somma ta' €1500 (elf u hames mitt Ewro) mill-kont bankarju taghha fil-Bank of Valletta plc fid-9 ta' Jannar 2014, minghajr l-gharfien taghha u minghajr struzzjoni biex isir dan.

---

[76] Fol. 646 *et seq.*

50. B'zieda ma' dan, din il-Qorti qieset ukoll (i) il-bixra u l-kontenut tax-xiehda tal-attrici quddiem il-Qorti, kemm in ezami kemm in kontroezami, (ii) li l-attrici halliet tlett snin jghaddu minn dik l-iskoperta biex bdiet dan il-procediment; (iii) li din il-Qorti kienet fl-impossibilita' li tisma' l-verzjoni tal-konvenut Henry Ritchie minhabba l-kundizzjoni deterjorata tieghu meta bdiet din il-kawza, u mbaghad minhabba li miet fil-mori taghha; u (iv) il-verzjoni tal-fatti, kuntrastanti ghall-verzjoni tal-attrici, moghtija mill-bqija tal-qraba taghha u tal-konvenut li xehdu f'din il-kawza, hija korroborata mid-dokumentazzjoni ezibita minnhom fl-atti.

51. Meqjus dan kollu f'kumpless wiehed, din il-Qorti mhix sodisfatta, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attrici kontra Henry Ritchie ghandhom mis-sewwa. L-ilmenti tal-attrici dwar in-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni ta' gidha f'Malta minn huha Henry Ritchie jirrigwardjaw principalment:

(i) il-bejgh ta' zewg proprjetajiet immobbli, wahda fil-Gzira fl-1993 u ohra fl-Imsida fl-2004;

(ii) il-qsim/bejgh tal-oggetti tad-deheb li l-ahwa wirtu minghand ommhom;

(iii) l-izbank minghajr jedd jew struzzjoni tas-somma ta' €1500 mill-kont bankarju taghha, u l-gbir u t-tqassim tal-kera percepita ghal fond iehor komuni fl-Imsida mikri lil terz.

52. Dwar il-bejgh tal-proprjetajiet immobbli, din il-Qorti ma temminx li l-attrici ma kinetx taf li z-zewg proprjetajiet inbieghu, meta kienet tkun regolarment f'Malta, darba jew darbtejn fis-sena, u ntwera car li kienet tinteressa ruhha hafna b'dak li kien qed jigri mill-gid tal-wirt, u taghha personali. Din il-Qorti ssib aktar kredibbli l-ispjegazzjoni moghtija mill-bqija tal-qraba li, fis-sena 1993, il-prezz tal-bejgh tad-dar tal-Gzira tqassam lill-erbat ahwa fi flus kontanti; filwaqt li l-attrici naqset li tressaq l-ahjar prova li ma tatx struzzjoni lil huha Henry Ritchie sabiex jiddepozita sehemha mir-rikavat tal-post tal-Imsida (Misrah il-Barrieri) fil-kont bankarju ta' binha Marco Renda, kif jidher li gara mid-dokumentazzjoni bankarja ezibita. Din il-prova l-attrici setghet facilment taghmilha bid-debita spjegazzjoni minn binha Marco Renda ta' x'kien dan id-depozitu. Effettivament, l-ammonti, u d-dati, ta' dak id-depozitu jikkombacjaw maz-zmien li fih sar il-bejgh, u mal-hlas li rcieva iehor mill-ahwa li kien jghix barra,

u kellu wkoll prokuratur f'Malta lil Henry Ritchie. Ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghalxhiex ma temminx li l-attrici filfatt kienet tat dik l-istruzzjoni lill-mandatarju taghha Henry Ritchie, u li allura Henry Ritchie wettaq l-inkarigu kif moghti lilu.

53. Ghar-rigward tal-oggetti tad-deheb provenjenti mill-wirt ta' omm l-ahwa Ritchie, din il-Qorti hija sodisfatta kemm li l-attrici kienet involuta fil-ftuh tas-*safety deposit box* li l-omm kellha fil-Bank of Valletta, kemm li l-attrici hadet b'rieda hielsa l-parti taghha minn dawn l-oggetti. Hekk turi bic-car l-iskrittura li l-attrici ma cahditx li ffirmat ma' hutha fil-21 ta' Awissu 1993[77], incidentalment fl-istess zmien li fih inbiegh il-post tal-Gzira komuni bejniethom. Ma tressqux provi dwar oggetti ohra tad-deheb jew hagar prezzjuz li kellha sehem minnhom l-attrici, li jistghu ghadhom komuni bejn l-ahwa Ritchie, jew li seta' sar trasferiment taghhom wara dan il-ftehim. Konsegwentement, lanqas din il-parti tal-ilment tal-attrici ma jirrizulta fondat.

54. Jifdal fl-ahharnett l-ilment tal-attrici dwar ir-rimbors tal-bilanc ta' €30 mill-flus li tghid li zbanka minghajr jedd huha Henry Ritchie mill-kont bankarju taghha f'Jannar 2014, u l-hlas ta' sehemha mill-kera perecepita mill-fond komuni fl-Imsida. L-attrici taccetta li huha kien irrimborsaha tal-flejjes zbankati, bi flus kontanti li ghaddielha minn idu ghal idha, u li hi tghid li kienu neqsin €30 mis-somma shiha dovuta lilha. Dan fih innifsu, mad-daqqa t'ghajn, jaghti ragun lill-attrici li l-izbank li kien ghamel Henry Ritchie f'Jannar 2014 mill-kont taghha ma kienx awtorizzat. Hadd mix-xiehda mressqa ghall-konvenut ma kellu spjegazzjoni cara x'jaghti ghal dan l-izbank.

55. Din il-Qorti qieset bir-reqqa c-cirkostanzi ta' fatt li rrizultaw dwar meta u kif saru dawk l-izbank, u r-rimbors, u l-konkluzjoni li tasal ghaliha hija li, fiz-zmien in kwistjoni, Henry Ritchie aktarx diga' kien afflitt mill-mard tal-mohh li hadlu l-uzu tar-raguni, ghal kollox jew in parti. Dan qed jinghad fid-dawl tar-rizultanzi psikjatrici li jinsabu fl-atti, u wkoll mill-intervent li kien ghamel huh Carmelo Ritchie, ma' ibnu Aldo Ritchie, ghaliex kien naqas li jghaddilu sehemu mill-kera meta dovut, bil-maqlub ta' dak li ghamel dejjem. Din il-Qorti tifhem li, bl-istess mod u ghall-istess raguni, Henry Ritchie seta' naqas li jghaddi lill-attrici sehemha mill-kera ta' dan il-fond meta dovut, jew b'mod shih, ghas-snin 2014 u 2015. Anke hawn, ix-xiehda mressqa ghall-konvenut naqsu li jiddikjaraw car li dan il-

[77] Ara firma, fol. 495

hlas kien effettivament sar. Mill-banda 'l ohra, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li, ghajr ghal dawn in-nuqqasijiet, l-attrici kellha taghrif shih dwar il-kera li kien qed jithallas kull sena dwar dan il-fond komuni, tant li fl-atti ta' din il-kawza pprezentat kopja shiha tar-ricevuti tal-kera rilaxxjati tul is-snin.

56. Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi li l-uniku debitu li, aktar iva milli le, halla l-konvenut Henry Ritchie favur l-attrici jikkonsisti fis-somma bilancjali ta' €158 (mija u tmienja u disghin Ewro) dovuti kwantu ghal €30 (tletin Ewro) bilanc tar-rimbors tal-flejjes zbankati minghajr jedd, u kwantu ghal €128 (mija u tmienja u ghoxrin Ewro) bilanc tal-kera dovut lill-attrici ghas-snin 2014 u 2015[78] dwar il-fond "Carjo", Triq Tal-Qroqq, Imsida wara li titnaqqas is-somma ta' €40 (erbghin Ewro) li l-attrici taccetta li waslet ghandha bil-hidma tal-avukat Dr. Joseph Brincat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-konvenut Henry Ritchie, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet safejn kompatibbli ma' dak hawn deciz, u tiddisponi mit-talbiet attrici kif gej:

**(1) tichad l-ewwel talba attrici in kwantu tirreferi ghar-rendikont tal-ezekuzzjoni tal-mandat moghti lil Henry Ritchie, pero' tilqaghha in kwantu tirreferi ghall-flejjes fl-ammont ta' mija u tmienja u hamsin Ewro (€158) appartenenti lill-attrici, u li ngabru jew inzammu fl-interess taghha mill-istess Henry Ritchie, kif fuq spjegat;**

**(2) tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghall-imsemmija somma ta' mija u tmienja u hamsin Ewro (€158);**

**(3) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba billi l-likwidazzjoni kellha ssir ghall-finijiet tal-ewwel zewg talbiet, u ghalhekk tikkonferma l-istess likwidazzjoni;**

**(4) tilqa' r-raba' talba;**

**(5) ghar-ragunijiet fuq moghtija, tichad il-bqija tat-talbiet.**

**In vista ta' dak kollu spjegat fil-motivazzjonijiet, u ta' dak hawn deciz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha f'din il-kawza.**

---

[78] Ara ricevuti fol. 435 sa 439, bil-kalkolu ta' €105 x 8 skadenzi / 5 - €40

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur